# SME HELPDESK

EDIZZJONI SPEĊJALI

PUBBLIKAZZONI 18
15 TA' ĠUNJU 2015



*Anton Vella, Dr Charlotte Camilleri u Lawrence Mizzi waqt l-għoti tal-premju*

# Irbaħna!

## L-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem terbaħ il-premju ewlieni tal-kompetizzjoni: Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015.

Ħbieb,

F'ċerimonja li saret fil-Kavallier ta' San Ġakbu, tħabbru r-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015. Il-kompetizzjoni, li ppartecipaw fiha n-numru sabiħ ta' 15-il proġett, kienet maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, waħda tal-Kunsilli Lokali u oħra għall-entitajiet oħra.

Ir-rebbieħa ta' din is-sena kienu l-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem bil-proġett Bethlehem f'Għajnsielem u l-Malta Employers' Association bil-proġett *Stengthening the Business*

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR

vodafone

*Environment Through Active Social Dialogue*. Ir-rebbieħa taż-żewġ sezzjonijiet ingħataw premju ta' €14,000. €10,000 ingħataw immedjatament filwaqt li l-€4,000 l-oħra ser jingħataw fix-xhur li ġejjin skond il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' proġett ieħor li kien imħabbar fl-applikazzjoni.

Il-Kunsill Lokali Valletta ġie klassifikat fit-tieni post bil-proġett *Town Centre Management* waqt li l-Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry ġie fit-tieni post tal-kategorija tal-entitajiet l-oħra bil-proġett *A Joint Corporate Social Responsability Initiative*. Dawn ingħataw premju ta' €9,000. €6,000 immedjatament, filwaqt li t-€3,000 l-oħra se jingħataw fix-xhur li ġejjin ukoll taħt l-istess kundizzjoni tar-rebbieħa. Ingħata wkoll premju ta' konsolazzjoni ta' €2,000 fis-sezzjoni miftuħa għall-entitajiet oħra lil The Definitive(ly) Good Guide Co. Ltd bil-proġett: *Malta Artisan Markets*.

Il-Ministru tal-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar Dr Chris Cardona qal li n-numru ta' proġetti li daħlu għall-kompetizzjoni jawgura tajjeb biex ikun żgurat li inizjattivi favur l-intraprenditorija għadhom qed jiġu ppjanati u mplimentati.

"Il-Premju mhuwiex biss kompetizzjoni li twassal lir-rebbieħa għal rigal ta' flus iżda għandu wkoll iservi biex jitqajjem għarfien dwar l-intrapriża u biex kull min huwa eliġibbli biex jikkompeti, ikollu inċentiv ieħor biex ikun kreattiv fl-inizjattivi li jieħu biex jitkattar is-settur kummerċjali", saħaq il-Ministru Cardona.

Huwa rringrazzja lil kull min ikkontribwixxa biex tkun implimentata din l-inizjattiva' b'suċċess, partikolarment il-Ministeru tal-







Finanzi, id-Dipartiment tal-Kummerċ, id-Direttorat tal-*Enterprise Policy & Schemes* fl-istess Ministeru, il-Kumitat ta' Selezzjoni u dawk kollha li ipparteċipaw bil-proġetti tagħhom. L-MEA hija kburija li irnexxiela terbaħ dan l-unur, u dan ma setax ikun rigal isbaħ, fl-okkażżjoni, meta l-MEA qeda tiċċelebra l-50 Anniversarju sa mit-twaqqif tagħha. Huwa rikonnoxximent ta' prestiġju li wasal sforz il-ħidma kollettiva li numru żgħir ħafna ta' impjegati, (staff ta' 4 minn nies biss), li b'dedikazzjoni ħadmu f'tim, sabiex wasslu l-aħjar servizzi ta' gwida u għajnuna lil komunita' industrijali u kummerċjali ta' pajjiżna.

L-MEA ippreżentat proġett mifrux fuq sitt snin, li kien jinkorpora fih kampanja ta' tlett snin iffukata kollha kemm hi lejn is-settur tal-Micros, sensiela ta' programmi televiżivi "MEA", li qed jiġu trasmessi fuq TVM u TVM2, ħidma sfiqa ta' korrispondenza u kuntatt kontinwu mal-membri tagħna permezz ta' korsijiet, laqgħat ta' informazzjoni, pubblikazzjonijiet elettronici, kif ukoll it-twaqqif ta' SME Helpdesk li beda jopera 18–il-xahar ilu, sabiex iservi ta' għodda oħra utli f'idejn imprendituri ta' negozji żgħar.

Iva, erba proġetti f'wieħed, li fuq perjodu ta' sitt snin, swew lill-istess Assoċjazzjoni xejn inqas minn €1,200,000 (miljun u mitejn elf ewro). Nefqa li tista tiġi deskritta investiment dirett fis-settur tan-negozju ta' pajjiżna. Ħidma li żgur ħalliet il-frott, u kienet strumentali sabiex bi proċess ta' djalogu soċjali, l-MEA għarfet tkun ta' spalla, iggwidat kull fejn setgħet u xerrdet informazzjoni utli, lil *employers*, sidien ta' negozji, kemm ta' intrapriżi kbar kif ukoll żgħar.

Kampanja ta' tlett snin, ko-finanzjata mill-Fondi Soċjali Ewropej, (ESF) bl-isem ta' *"Capacity Building for Equipping and Representing Micro Business Employers"* li matula ġew organizzati xejn inqas minn 22 *seminar*, fejn għalihom attendew -il fuq minn 235 imprenditur lokali. Sar eżerċizzju ta' *reach-out programme*, fost 750 sid ta' negozju *Micro*. Ġie imfassal, ipprintjat u tqassmu mas-6000 kopja ta' *Human Resourses Handbook*, kif ukoll ġew imqassma eluf ta' kalendarji u fuljetti mimlija informazzjoni.

Dwar il-programmi televizivi "MEA", sal-lum ġa ipproduċejna 91 programm, b'totall ta' 3000 minuta ta' materjal imprenditorjali, li bil-parteċipazzjoni ta' madwar 260 espert fin-negozju, qed jirnexxielna inwasslu linji gwida, u nformazzjoni relatata max-xogħol lil eluf ta' segwaċi.

Fil-ħidma ta' kuljum l-MEA iżżomm kuntatt kontinwu mal-membri tagħha kif ukoll mas- soċjeta ċivili, b'diversi pubblikazzjonijiet. Fosthom ma nistax ma nsemmix li f'perjodu ta' sitt snin ġew ippubblikati u diskussi –il fuq minn 22 dokument *(position papers),* intbagħtu madwar 200 publikazzjoni elettronika, ġew organizzati 45 kors u 25 laqgħa ta' informazzjoni, kif ukoll ġew iffirmati għexieren ta' *collective agreements*.

F'kelma waħda, l-MEA ippreżentat applikazzjoni b'saħħitha u li meta tqis kollox ma kollox, kien verament ħaqqna li niġu ppremjati. Kien premju meritat, għax ħdimna għalieh. Hu premju mistħoqq, għaliex permezz tiegħu mhux l-MEA biss qeda tibbenefika, iżda nasal biex ngħid li dan il-premju rebħu is-settur tan-negozji, għaliex permezz tagħna u tal-ħidma tagħna kien l-istess settur tan-negozju li finalment ibbenefika bil-kbir.

Aħna bħala MEA, konna, għadna u nibqgħu nemmnu li d-djalogu soċjali isaħħaħ l-ambjent u s-settur tan-negozju f'pajjiżna. Nemmnu ukoll li jekk ikollna dawn is-sisien sogħdi, l-imprenditur Malti huwa bieżel u ntelliġenti biżżejjed li jaf jagħraf jisfrutta kull sfida f'opportunita, u bil-ħila tiegħu qed ikompli jinvesti u joħloq ix-xogħol.
Issa nħarsu –il quddiem, l-ewwel nett sabiex inkomplu naħdmu favur is-settur tan-negozji żgħar f'pajjizna, u sabiex jekk Alla jrid immorru tajjeb meta, f'Novembru li ġej inkunu qed nirrappreżentaw lil Malta fil-*"European Enterprise Promotion Awards".*

Kull min jixtieq jagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem,) jista jagħmel dan billi iċempel fuq 21222992 inkella 21237585. Jista ukoll jibgħat *email* fuq anton.vella@maltaemployers.com jew juża it-*24/7 helpline* **21222006**, billi iċempel u jħalilna ismu, sabiex fl-eqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata

Tislijiet,
Anton

**Business Premises in Valley Road, Msida.**

**Ideal for a Small or Medium Company looking to expand its business rapidly**

**This fully detached building in shell form on a plot of 520 sq.m consists of**
**400 sq mtrs of Office Space, Showroom, Store, Workshop, 3 Lock Up Garages, Carport and 6 Parking Spaces**

**Excellent Loading/Unloading facilities without any obstruction to traffic.**

**Can also be developed as a plot**
**Price €650.000. For further details please call on 99497060 or 99452935**

**PAID ADVERT**

**SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES**





ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com